Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Onor. Dr Anthony Ellul B.A. (Hon.) Pub. Admin. LL.D.

Seduta tas-16 ta' Frar, 2018.

Appell numru: 10/2015

**G.V. Gozo Developments Co Ltd**

**Vs**

**Chairman tal-Awtorita tad-Djar**

1. B'rikors prezentat fit-28 ta' Awwissu, 2015 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri, l-attrici harket lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef seba' mija u disghin ewro (€5,790) ghal xoghol li sar minnha fuq inkarigu tal-Awtorita' tad-Djar gewwa Blokk B, tac-Cawla Housing Estate, Rabat, Ghawdex u li tlesta fid-29 ta' Ottubru, 2012.

2. B'sentenza tat-13 ta' Gunju, 2017 l-ewwel qorti laqghet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut[1] u kkundannatu jhallas is-somma ta' seba' mija u erbgha u disghin ewro (€994) bl-imghax mid-data tas-sentenza. L-ewwel qorti qalet:

*"Illi in vista ta' dak kollu suespost u wara li rat kelma b'kelma d-dokumenti u x-xhieda moghtija fl-atti, din il-Qorti ssib ruhha rinfaccjata b'tezi attrici debboli hafna ghar-ragunijiet kif isegwi:*

*i. Ma tressqet l-ebda prova konvincenti sal-grad rikjest mil-ligi dwar ir-rati miftehma bejn il-partijiet ghax-xoghol in kwistjoni;*

*ii. Is-socjeta' attrici naqset milli tressaq l-ahjar prova fic-cirkostanzi u cioe' x-xhieda ta' dan certu Joe Camilleri li skont is-socjeta' attrici mieghu kienu jsiru d-diskussjonijiet u sar il-ftehim kollu;*

[1] *"4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra is-somma mitluba mill-atturi hi f'kull kaz eccessiva. Ma kien hemm ebda rata miftehma ghal xoghlijiet maghmula u dak mitlub mill-atturi hu palezament ezagerat"* (fol. 7).

iii. *L-inkonsistenza fix-xhieda ta' John Vella (rapprezentant tas-socjeta' attrici) meta rinfaccjat ma' dokumenti li jgiddbu x-xhieda tieghu xejn ma timpingi tajjeb fuq il-kredibilita' tat-tezi attrici;*

iv. *Is-socjeta' attrici naqset milli almenu tressaq prova ex parte jew titlob li ssir prova ex officio permezz ta' nomina ta' Perit sabiex jaghmel kalkolu ta' kemm kellu jkun il-hlas dovut lilha ghas-servizz offrut lill-Awtorita' intimata. Certament dan xejn ma jimmilita favur it-tezi tas-socjeta' attrici".*

3. L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. L-attrici ssostni li mill-provi rrizulta li:-

   i. L-attrici wettqet ix-xoghol;
   ii. Ir-rata tal-hlas kienet miftehma bejn il-partiijet waqt laqgha li saret fl-ufficcju tal-Awtorita' tad-Djar;
   iii. Ir-rata li applikata l-Awtorita' tad-Djar mhijiex gustifikata;

   Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-imghax ghandu japplika l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili. Imbaghad fir-rigward tal-ittra ufficjali numru 66/2014 u l-ittra legali tal-11 ta' Marzu, 2014 ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

4. Fil-31 ta' Lulju, 2017 il-konvenut ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2017 saret trattazzjoni.

6. Il-Qorti qrat l-atti.

7. L-appell hu principalment kritika ghall-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti. Hu stabbilit li ghal dak li jirrigwarda d-diskrezzjoni li l-ewwel qorti ghandha fl-apprezzament tal-provi, din il-qorti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni jekk ma jkunx hemm ragunijiet serji. Ovvjament din il-qorti xorta trid tezamina sewwa l-provi u tizgura li l-ewwel qorti ma kinitx ghal kollox zbaljata f'dak li jirrigwarda l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel qorti fuq punti ta' fatt. Pero' l-ghan wara l-appell m'ghandux ikun li jgi dupplikat ir-rwol tal-gudikant li quddiemu jkunu ngabru l-provi. Ghalhekk l-ezercizzju m'ghandux ikun wiehed fejn qorti ta' revizjoni facilment tissostitwixxi d-diskrezzjoni li ghandha l-ewwel qorti.

8. Fil-15 ta' Novembru, 2012 l-attrici harget kont lill-Awtorita' tad-Djar ghas-somma ta' **€6,839.28** (fol. 19)[2] in kwantu ghal:

[2] John Vella, rapprezentant tal-attrici kkonferma li dak kien l-ewwel kont (fol. 28).

i. Kiri ta' tmien (8) jacks bir-rata ta' euro (€1) ghal kull jack kull gurnata mill-5 ta' Lulju 2011 sad-29 ta' Ottubru, 2012 (483 gurnata) = €3,864.
ii. Kiri ta' shuttering li jikkonsisti f'erba' boards, tliet metri l-wahda, bir-rata ta' euro (€1) ghal kull board ghal kull gurnata, u ghall-istess perjodu = €1,932.
iii. Taxxa Fuq il-Valur Mizjud = €1,043.28

9. Pero' f'din il-kawza l-attrici qeghdha tippretendi l-hlas ta' €5,790, u dan skont il-kont Dok. JVA2 a fol. 39. Jidher li dan il-kont inhareg wara l-kont originali a fol. 19. Tant hu hekk li fil-qiegh tat-tieni kont hemm stampati l-kliem, *"N.B. Please note that this bill has been very long overdue, unless settled within a week we are left with no alternative but to seek legal advice"*. Li hu stramb hu kif f'dan il-kont:

i. Ir-rati ghall-kiri tal-*jacks* u *boards* huma differenti minn dawk li jissemmew fil-kont originali a fol. 19;
ii. L-items 2.01 u 2.02 ma jissemmewx fil-kont originali;

John Vella ma ta l-ebda raguni ghalfejn l-items li jissemmew f'paragrafi 2.01 u 2.02 ma ssemmewx fil-kont originali li harget is-socjeta' attrici. In vista ta' din id-diskrepanza u li dwarha ma nghatatx spjegazzjoni, l-attrici ma tistax per ezempju tippretendi hlas ghal *scaffolding* u *high up* li mhumiex fil-kont originali. F'dan ir-rigward il-perit Sandra Magro f'memo kitbet: *"He has presented no evidence whatsoever as regards a) ….. use of scaffolding and high up……"* (fol. 72).

10. L-attrici ghamlet hafna enfazi fuq dak li xehed Joshua Cassar, impjegat tal-Awtorita' tad-Djar fil-*customer care desk*, li qal:

*"Inzerta kien hemm jien fl-ufficcju tieghi u kien hemm Joe Camilleri u John Vella saqsa lil Joe Camilleri, wara li tlesta x-xoghol li kellna relatat ma' din l-invoice li hawn hawnhekk, u qallu isma, John Vella, qallu bil-kemm ha naghmlux ix-xoghol.* ***Joe Camilleri qallu bil-Euro il-bicca****.* ***Jiena sa hemm naf.*** *Jigifieri jiena nzertajt kont gol-ufficcju f'dak il-hin"*.

Ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal dak li hemm dikjarat fil-kont originali a fol. 19. Madankollu, il-qorti ma tifhimx kif jekk dak kien il-ftehim:

i. L-attrici ma harrkitx bhala xhud lil Joseph Camilleri. Hu kien l-ahjar xhud biex jikkorabora l-verzjoni ta' John Vella. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li Joshua Cassar ma kienx direttament involut fil-materja u semplicement qal li sema' parti minn konversazzjoni li kellhom Vella u Camilleri fl-ufficcju. L-oneru tal-prova kien fuq l-attrici. Hi kellha kull

opportunita' li tressaq l-aqwa xhud biex jikkorabora l-verzjoni li ta Vella, u ghal ragunijiet li taf hi baqghet ma harrkitux.

ii. L-attrici rrevediet ir-rata fit-tieni kont. Fil-fatt fit-tieni kont a fol. 39 jirrizulta li tippretendi rata ta' €4 kuljum ghal tmien (8) jacks, li tfisser €0.50 kuljum ghal kull jack. Min-naha l-ohra fir-rigward tal-boards tippretendi €6 ghal kuljum, jigifieri zieda ta' €2 minn dak li talbet fil-kont originali.

iii. Joseph Camilleri ffirma d-dokument '5' a fol. 67 fejn ir-rati huma proprju dawk li a bazi taghhom il-konvenut hareg cekk favur l-attrici ghas-somma ta' €994. Dokument iffirmat mill-istess persuna li John Vella qal li kellu ftehim maghha li r-rata ta' hlas tkun ta' €1 kuljum ghal kull *jack* u *board*. Iktar minn hekk fit-8 ta' Frar, 2013 Joseph Camilleri inhareg certificate of payment ghas-somma ta' €994 b'dikjarazzjoni, *"I certify that the total amount of €994 is due to Contractor under the terms of the Contract"*. Dokumenti li jnisslu dubju serju dwar il-kredibilta' tal-verzjoni li ta John Vella.

11. Mill-atti l-qorti hi sodisfatta li l-konvenut irnexxielu jaghti prova li ghall-istess tip ta' inkarigu, kien hemm rati differenti minn dawk li jissemmew fil-kontijiet a fol. 19 u 39. Mhuwiex rilevanti l-perjodu li damu jintuzaw il-jacks u l-boards, izda r-rati. Fil-fatt jirrizulta li l-attrici accettat dak il-hlas. Sahansitra hemm dikjarazzjoni datata 3 ta' Awissu, 2011 (Dok. 2 a fol. 63) iffirmata minn ufficjali tal-Awtorita' tad-Djar fejn jinghad, *"An estimate was sent to John Vella to approve the rate so that he can do the works without delay. The estimate for the shuttering is €96. It is therefore recommended that works are awarded to Mr John Vella for €96"*. Fil-fatt l-inkarigu twettaq u sar il-hlas (ara wkoll affidavit ta' Stephanie Azzopardi, fol. 79). Ghalkemm l-attrici ghamlet riferenza ghal dak li xehed il-perit Camilleri fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2017 dwar id-dokument a fol. 63 (ara pagna 5 tar-rikors tal-appell), hu ovvju li d-dokument ma kienx jirrigwarda l-inkarigu oggett tal-kawza. Madankollu jibqa' il-fatt li kien simili ghal dak tal-kaz in ezami. Dak ukoll kien jikkoncerna tqeghid ta' jacks ghall-irfid u l-kiri taghhom.

12. Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghall-ittra li hemm a fol. 105. Ittra tal-Awtorita' tad-Djar datata 23 ta' Gunju, 2011 bit-titlu. *"Re: Support, Removal and the Replacement of Various Dangerous Structures in Government Residential Premises at Blk B, Flt 5, Triq tac-Cawla, Victoria, Gozo"*. F'dik l-ittra jinghad, *"Kindly carry out works as per attached BOQ and photos, you are kindly instructed to commence works immediately and to complete works by the 27th June 2011"*. Pero' din l-ittra mhijiex prova li Joseph Camilleri u John Vella ftehmu bir-rata li semma' Vella. Inoltre, ghalkemm l-attrici ssostni li l-firma fuq dan id-dokument hi ta' Joseph Camilleri u mhux tal-perit Anthony

Camilleri (ghandu ismu stampat fuq l-ittra), prova bhal dik kellha ssir billi fl-ewwel lok jitharrek bhal xhud Joseph Camilleri.

13. Il-qorti tosserva wkoll nuqqas ta' konsistenza min-naha tal-attrici. Hekk per ezempju fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2015 John Vella xehed li r-rati gew miftehma ma' Joseph Camilleri ***"Qabel ma sar ix-xoghol"***. Pero' fir-rikors tal-appell intqal, *"Huwa minnu li* ***r-rata nhadmet wara t-tlestija tax-xoghol****, pero' dan kien bi qbil mar-rapprezentant tal-Awtorita', Joe Camilleri, l-istess rapprezentant li ffirma l-order to start work a fol. 105….."* Fl-istess rikors tal-appell jinghad li, *"Ir-rata li biha nhadem il-kont tas-socjeta' appellanti, mill-istess socjeta' appellanti hija dik miftehma ossia ta' Euro (€1.00) ghal kull gakk u Euro (€1.00) ghal kull board, ghal kull gurnata"* (fol. 165). Kif diga' gie osservat, pero' dik mhijex ir-rata li ntuzat meta l-attrici harget it-tieni kont li hu dak oggett ta' din il-kawza.

14. L-attrici lanqas mhi korretta meta qalet li kien hemm *"... riluttanza tal-Awtorita' appellata illi thallas l-ammont dovut lis-socjeta' appellanti"* (fol. 163). Jirrizulta li fit-8 ta' Frar, 2013 inhareg *certificate of payment* ghas-somma ta' €994 u harget cekk ghal dak l-ammont. John Vella stess xehed li rrifjuta c-cekk li kien ircieva (seduta tal-15 ta' Jannar, 2015).

15. Fir-rikors tal-appell l-attrici argumenta li kien jidher li l-konvenut ikkalkola b'mod zbaljat, *"…. il-kont fuq gallarija wahda mill-blokk, meta fil-fatt kien hemm tliet (3) gallariji….."*. Pero' l-kont stess li harget l-attrici hu bazat fuq in-numru ta' *jacks* u *boards* li ntuzaw u mhux fuq in-numri ta' galleriji.

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tqis li mhemmx raguni valida li tista' twassalha sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni li ghandha l-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Wara kollox l-oneru tal-prova kien fuq l-attrici, li evidentement ma ssodisfatx. Fil-fehma tal-qorti mis-sentenza tal-ewwel qorti hu evidenti li kkunsidrat il-provi kollha li kellha quddiemha, u mhemmx provi skjaccanti li jwasslu lil din il-qorti biex tiddeciedi li r-ragunament tal-qorti hu ghal kollox zbaljat u qatt ma kellha tasal ghal dik il-konkluzjoni.

17. Ghal dak li jirrigwarda l-imghax, kienet l-attrici li rrifjutat il-hlas. Tant hu hekk li nghatat cekk ghas-somma ta' €994 u rrifjutat li ssarrfu ghaliex kienet qeghdha tippretendi hlas ta' €5,790. Dan apparti li ma jirrizultax li ghall-Gvern l-obbligazzjoni kienet ta' xorta kummercjali.

18. Fir-rigward tal-ispejjez il-qorti dwar ittra ufficjali u ittra legali, l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici ghaliex kienet hi li rrifjutat il-hlas ta' €944 ghaliex kienet qeghdha tippretendi €5,790. Ladarba ma nghatatx ragun fil-meritu, ma tistax tippretendi li l-konvenut jaghmel taghmel tajjeb ghal dawk l-ispejjez iktar u iktar meta kien baghatlu cekk bil-hlas dovut.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-kumpannija attrici.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur